**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 319/2023**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Shaun Friggieri)**

**vs.**

**Nathaniel Palmier**

Illum it-28 ta Novembru 2023

Il Qorti:

Rat illi tressqat Nathaniel Palmier ta' 36 sena, iben Emanuel u Jane nee' Curmi, imwieled Pieta' nhar is-26 ta' Marzu 1987, resident gewwa 30, St Georges, Flat 2, Triq il-Kavallier De Guras, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita 150787M

Billi int akkuzat talli bejn Ottubru 2019 u April 2023 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. Iffalsifikajt  ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentement ghamilt użu minn waħda mill-karti ffalsifikati msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli għamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħloqt pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħalt dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentement ghamilt użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli, ghamel jew ta' dikjarazzjoni falza jew certifikat falz.

6. U aktar talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tagħrif falz;

7. U aktar talli b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro (€5000) bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u / jew xi entita u / jew entitajiet ohra;

8. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u / jew xi entita u / jew entitajiet ohra, għamilt qligħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef euro (€5000);

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputata nhar it-8 ta' Gunju 2023, skont l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali, l-imputat iddikjara li kien hati u irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u, jekk ikun il-kaz, jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat regghet tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.[1]

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputat.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, u fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena fl-udjenza tas-27 ta' Lulju 2023.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta meta gie rraportat li l-imputat ikkometta diversi reati ghad-detriment tad-Dipartimenti tas-Servizzi Socjali.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha waqt is-seduta tat-8 ta' Gunju 2023 din il-Qorti m'ghandhiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata minn din il-Qorti, tqis, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz, is-segwenti fatturi:

[1] Folio 6 ta' l-atti processwali

- Filwaqt li l-fedina penali ta' l-imputat ma hijiex netta ma jirrizultax li hemm sentenzi registrati relatati ma dawn il-akkuzi.[2]

- L-imputat irregistra ammisssjoni fl-iktar stadju bikri li seta u qabel ma nbdew jinstemghu ebda provi. Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutli ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[3], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[4], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[5] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[6]

  Ghaldaqstant stante li l-ammisjoni saret fl-iktar stadju bikri, l-imputat ghandu jibbenifika minn dan l-attenwanti.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.

- L-ammont ta' flus inkwistjoni li ghandhom jigu ritornati lil Dipartiment tas-Sigurta Socjali kien ta' ghoxrin elf, mitejn u tnejn u sebghin Euro u tnejn u hamsin centemzi (€20,272.52). Illi fil-mori tad-differimenti saru diversi pagamenti u l-ammont pendent sallum huwa ta' sbatax il-elf, mitejn u tnax il-Ewro u tnejn u hamsin centemzi (€17,212.52).[7] Illi jirrizulta wkoll li intlahaq ftehim bejn l-imputat u d-Dipartiment tas-Sigurta Socjali dwar pagamenti.

- Illi mill-*presentencing report*[8] li gie mhejji jirrizulta li l-imputat qed jghix hajja stabbli u igawdi s-sapport tal-familja tieghu filwaqt li anke ghandu

[2] Folio 3 ta' l-atti processwali
[3] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[4] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[5] Thomson Reuteurs, S-29
[6] Blackstone Press Limited – 2006 edition
[7] Folio 9-10 ta' l-atti processwali
[8] Dok MF1, Folio 18-32 ta' l-atti processwali

diversi interessi. L-ufficjal tal-probation ghamlet rakkomandazzjoni ta' sentenza sospiza filwaqt li jkompli jhallas il-pagamenti dovuti lis-sigurta socjali halli jaghti lura l-flus li ttiehdu b'qerq.

- Illi d-difiza abbracjat mas-suggeritment ta' l-ufficjal tal-probation dwar il-piena.

- Illi filwaqt li l-Qorti mhijiex bl-ebda mod marbuta ma' dawn is-sottomissjonijiet tara li din il-piena hija wahda legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi skond il-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Madankollu l-Qorti qeda tieghu in konsiderazzjoni l-ammont ta' flus konsiderevoli involuti kif ukoll sentenzi diversi fejn inghata xoghol fil-komunita minflokk sentenza sospiza.

- Il-Qorti tqis li b'dan ir-reat, l-imputat sfrutta dak kollu li tipprovdi socjeta organizzata lil dawk fil-bzonn. Illi ghalhekk il-Qorti tqis li rimedju adekwat ghandu ikun b'tali mod li l-imputat japprezza u jifhem u jaghti lura lis-socjeta.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputata izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku u dan fid-dawl tac-cirkostanzi ta' kif sehh il-kaz.

- Il-Qorti wara li qiedet ic-cirkostanzi tal-kaz u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ghalhekk tqis li l-piena karcerarja b'mod effettiv mhux ser ikun l-iktar piena idonea f'dan il-kaz u li piena li hija alternattiva ghall-inkarcerazzjoni irrenda iktar rizultat tenut kont il-fatt li l-Qorti trid hares lejn ir-riforma tal-persuna.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 167, 169, 183, 184, 185, 188(1)(2), 308, 309, 310(1)(A) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Nathaniel Palmier fuq ammissjoni tieghu stess, **hati** ta' l-imputazzjoniet kollha dedotta kontriha u b'applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita` ghall-mitejn siegha.

F'din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita` huwa mehtieġ li l-hati jaghmel xoghol bla hlas jew xoghol bla hlas u tahriġ, hekk kif rakkomandat mill-ufficjal tal-Probation u dan ghall-perijodu ta' **mitejn (200) siegha** kif qed jigi speċifikat fl-ordni. Ai termini tas-sub inciz (4) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tispjega lill-hati bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li jekk il-hati jonqos li jikkonforma ruhhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, il-hati ikun jista' jinghata sentenza għar-reat oriġinali. Il-ħati qiegħed jiddikjara li jaqbel ma tali ordni. A tenur tas-sub inciz (5) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li tinghata kopja ta' l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' lill-hati, lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole, lill-Ufficcjal tas-Servizz tal-Komunita` assenjat ghall-kaz mid-Direttur u lill-agenziji u l-awtoritajiet responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-Ordni tas-Servizz tal-Komunita`.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1) u 532A tal-Kodici Kriminali tordna lill-hatja thallas fi zmien sena wahda millum is-somma ta' sbatax il-elf, mitejn u tnax il-Euro u tnejn u hamsin centemzi (€17,212.52) lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali fiz-zmien massimu skont il-ligi. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni skont l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar it-28 ta' Novembru 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**